# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 155/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Nutar Carmelo Lia**

iben Gaetano, imwieled Ħaż-Żabbar, fid-9 ta' Marzu, 1932, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 206532(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant in-Nutar Carmelo Lia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'April 2005 f'dawn il-Ġzejjer:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi – Artikolu 183 tal-Kap 9;

2. Xjentement għamel użu minn dokument falz – artikolu 184 tal-Kap 9;
3. Ikkommetta tali reat fil-waqt li kien uffiċjal pubbliku b'hekk sar ħati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariġa tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi – Artikolu 141 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 184 u 189 tal-Kap 9 sabet lill-imputat ħati taħt l-istess. Eżaminat bir-reqqa ċ-ċirkostanżi li taw lok għal dawn il-proċeduri. Wara li affermat li l-Artikolu 190 tal-Kap 9 mhux applikabbli għal dan il-każ, iddeċidiet li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 għal perjodu ta' sitt xhur millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti in-Nutar Carmelo Lia minnu ppreżentat fis-6 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforrna s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponent ħati, tiddikjara lill-istess esponent mhux ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull imputazzjoni u piena, u tikkonferma l-istess sentenza appellata fejn din affermat li l-Artikolu 190 tal-Kap 9 mhux applikabbli għal dan il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nasqet li tieħu konjizzjoni totali tal-fatti kollha tal-każ u taż-żmien li fih ġraw, fis-sens illi kienet biss svista da parti ta' l-esponent illi l-kompratur prospettiv, Justin Cassar, ma ffirmax il-konvenju, u dak li sussegwentement għamel l-esponent għamlu kollu bl- iskop illi jaqdi dmiru lejn il-partijiet, u cioe' li jirreġistra l-konvenju kif titlob il-liġi, Kien biss xi żmien wara, wara li x-xerrej prospettiv, Justin Cassar, bidel il-ħsieb u ma riedx ikkompli bix-xiri, illi dan l-istess Justin Cassar uża n-nuqqas ta' firma tiegħu fuq il-konvenju sabiex jipprova jannulla l-istess konvenju. Apparti dan, l-istess Justin Cassar ippretenda li l-esponent jirritornalu l-amrnont ta' Lm2,200 li hu kien għadda lill-istess

esponent u li l-esponent kien ħallashom kif gia' spjegat, u kien biss wara li dawn il-flus damu ma ġew ritornati lill-istess Justin Cassar illi dan Justin Cassar mar u għamel ir-rapport lill- Pulizija kontra l-esponent. L-esponent jirrileva illi sussegwenetment dan l-ammont ġie ritornat kollu lill-imsemmi Justin Cassar.

L-esponent jissottometti illi, meta hu ssottometta l-kopja dattilografata tal-konvenju lill-Kumrnissarju tat-Taxxi Interni, kien għadu ma ndunax li l-firma tal-kompratur prospettiv, Justin Cassar, kienet nieqsa, u għalhekk kien nieqes fih l-animus li jikkommetti r-reat; anzi l-esponent kien minn għalih li kollox kien sew. Għaldaqstant jonqos element importanti tar-reat. Jiġi rilevat illi l-esponent ma kellu ebda skop jew raġuni li għalihom kien jeħtieġlu jippreżenta dokument falz jew falsifikat, u wisq inqas kellu xi raġuni biex jiffalsifika l-firma ta' xi wieħed jew ieħor mill-partijiet. Li kieku l-esponent induna bin-nuqqas tal-firma, kull ma kellu jagħmel kien li jibgħat għall-istess Justin Cassar u jitolbu jiffirma l-konvenju ħaġa li l-istess Justin Cassar kien ikun dispost li jagħmel stante li f' dak iż-żmien hu ried jixtrih il-fond. Kien biss wara li bidel il-ħsieb tiegħu illi dan Justin Cassar beda juża n-nuqqas ta' firma tiegħu biex jipprova jannulla l-konvenju, u saħansitra wasal biex jixhed illi huwa kien mar għand in-Nutar mhux biex jagħmel konvenju!

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt lu huwa ma kellux intenzjoni li jikkometti reat.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti **Justin Cassar** fis-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2010 jammetti li huwa kien ħallas lin-Nutar LM 2,000 biex jingħataw bħala 10% tal-prezz għal propjeta' lil venditur u LM200 biex jiġi reġistrat il-konvenju. Huwa jgħid li huwa ma kellu ebda intenzjoni li

jiffirma l-konvenju għax l-ewwel ried iserraħ rasu li post kien skont il-liġi. Huwa sussegwentement qabbad perit u fir-rapport ikkonkluda li mhuwiex skont il-liġi. Wara r-riżultat ta' dan ir-rapport huwa mar jinforma lin-Nutar li ma riedx ikompli biex jixtri l-post u biex jieħu l-flus lura. Dak il-ħin in-Nutar talbu jiffirma karta u daħlet ommu fil-pront u bil-karta baqgħu sejrin għand l-avukat li qallu li kien il-konvenju. Hu jikkonferma li qatt ma ffirma din il-karta. Reġgħu marru lura għand in-Nutar għal flus imma dan tal-aħħar ma tajhomlux. Inoltre, fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2012 huwa jikkonferma li ma hemm ebda firma tiegħu fuq id-dokument.

**Stqarrija tan-Nutar Carmelo Lia:**

Fl-istqarrija tal-appellant datata 5 ta' Frar, 2009 a fol 48 -50 tal-proċess , in-nutar jispjega kif kienu ġraw l-affarijiet. Kien sar il-konvenju bejn il-familja Spanjol u Justin Cassar u kien ħallas 10% jiġifier LM2000 lil familja Spanjol u LM 200 lilu biex jiġi reġistrat il-konvenju. Sa dak il-ħin ma kien hem ebda indikazzjoni li Cassar ma riedx jixtri u li l-familja Spanjol ma kinitx trid tbigħ. Wara xi żmien Cassar talbu biex imur miegħu l-post u staqsieh jekk jistax jibni fuq il-kamra fil-bitħa u hu qallu , mhux talli ma tistax tibni imma trid twaqqa' dik il-kamra għax qegħda kontra l-liġi. L-avukat ta' Cassar talbu kopja tal-konvenju , u hemmhekk huwa induna li l-firma ta' Cassar ma kinitx hemm. Huwa jgħid li r-reġistrazzjoni tal-konvenju għamilha in bona fede biex isir il-kuntratt għax kieku ma kienx isir il-kuntratt u dan qabel ma inqalgħet dik il-kwistjoni tal-kamra mibnija illegalment. Inoltre, Cassar ried li jsir il-konvenju għax kieku ma kienx ser jagħtihom il-flus. Il- fatt li l-firma ta' Cassar ma tidhirx fuq il-kuntratt kien żball tiegħu stess u ma kienx induna bih. Inoltre, jikkonferma li l-firma ta' Justin Cassar fuq il-konvenju kien għamilha hu u jgħid: ' Dik hija xi ħaġa amminstrattiva u ma fiha ebda sinifikat'. Cassar ma ffirmax il-konvenju b'aljenzzjoni u mhux għax ma ridtx jixtri.

**Traskrizzjoni tax-xhieda tal-appellant mogħija quddiem il-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili**

Fl-atti ġew ukoll preżentati t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Nutar Carmelo Lia quddiem il-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili . Hawnhekk huwa jerġa jikkonferma bi sħiħ dak li kien sostna fl-istqarrija tiegħu fir-rigward tal-firma nieqsa fil-konvenju ta' Justin Cassar jgħid is-segwenti :***'Firma ta' Justin Cassar illi hemm highlighted f'dan id-dokument għamiltha jiena. Iffirmajta***

***jiena wkoll. Ma għandiex spjegazzjoni għalfejn l-iskrittura mhux l-istess. Illi għamilt hekk għaliex din hija formola amministrattiva u mhux ta' sustanza. Hija li nirreġistra l-konvenju . Il-konvenju kont ċert li sar.' Fol 58***

Meta xehdet omm l-parti ċivile **Maryanne Cassar** hija qalet li t-tifel tagħha kien ta s-somma ta' LM 2,200 lin-nutar u li dakinhar ma ffirmaw xejn la t-tifel u anqas l-għarusa tiegħu.It-tifel għadda l-flus lin-Nutar u dan qallu li ser jgħaddu l-flus lil ta' Spagnol. Kienu sussegwentement iltaqgħu ma xi ħadd li qalilhom li l-binja llegali u għalhekk għażlu li jqabbdu perit. Kienu umbgħad kellmu lil avukat tagħhom u wieħed mid-dokumenti li talabhom kien għand in-nutar. Meta marru għand in-nutar , dan tal-aħħar talab lil Justin jiffirma karta imam hi ma ħallitux. Meta urew id-dokument lil avukat kien qalilhom li kien il-konvenju.

Xehdet ukoll **Graziella Pisani** l-għarusa ta' Justin Cassar li nfurmat il-Qorti li kienet marret il-post man-nutar u l-propjetarju Spagnol biex jaraw jekk kienx hemm kollox skont il-liġi u hi nfurmatu li xtaqu jibnu kamra fuq il-bejt u n-nutar qalilhom illi kellhom jersqu lura minħabba li kien hemm tieqa ta' terzi. Meta marru għal konvenju mhux kulħadd kien ġie u dakinhar ma ffirmaw xejn imam l-għarus tagħha ta LM 2000 lin-Nutar. In-Nutar kien qalilhom li jerġa jgħajtilhom meta l-oħrajn kollha jiffirmaw. Meta ħarġu mingħand in-nutar iltaqgħu ma' Ġużeppi Spagnol li infurmhom li l-post ma kienx mibni skont il-liġi. Hemmhekk iddeċidew li jkellmu Perit u li meta dan l-aħħar ra l-post ikkonferma li ma kienx mibni skont il-liġi. Wara dan ir-rapport marru lura għand in-nutar għad-depożitu u hu qalilhom li kien tah lil Nazzareno Spagnol. Meta ċemplu lil Spagnol ma riedx jagħti d-depożitu lura. Kienu rċevew biex jidhru fuq il-kuntratt u huma rrispondew bl-avukat. Wara marru id-dipartiment biex jaraw il-konvenju u sabu li kien hemm il-firma ta' Justin Cassar u kienu ċerti li ma ffirma xejn . *Hija għarfet li l-firma mhux tiegħu għax huwa jiffirma Justin biss u mhux J Cassar.*

Fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2012 l-avukat tal-parti ċivile ddikjara li huwa rċieva mingħand l-familja Spagnol l-ammont ta' LM 2,000 liema flus huwa kien għadda lin-nutar u li dan tal-aħħar għadda lil familja Spanjol mal-konvenju. Huwa baqgħalu jirċievi biss l-ammont ta' LM 200 li kienu ntużaw biex jiġi reġistrat l-konvenju.

Fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2012 reġa xehed Ivan Portelli biex jispjega kif jiġu reġistrati l-konvenji u meta mistoqsi hemmx bżonn li jkun hemm iż-żewġ firem huwa jgħid is-segwenti :
'***Issa hemm drabi li n-nutar jiffirma u ma jkunx hemm bżonn il-firem taż-żewġ partijiet. Meta jkun hemm hekk imma irid ikun hemm klawsola fil-konvenju li tgħid hekk li qed jiffirma għan-nom tagħhom. ……f'dan il-każ ma hemm xejn fuq il-formola li ppreżenta n-nutar li hemm dan it-tip ta' klawsola. Jiġifieri bil-fors irid ikun hemm il-firem taż-żewġ partijiet'. Fol 105***

Fl-1 ta' Frar, 2012 xehdet ukoll **Doris Borg** li kkonfermat li nfurmat il-Qorti li l-flus (LM2,000) kienu marru għand missierha Nazzareno Spagnol li llum mejjet. Dakinhar tal-konvenju kollha ffirmajna. Hija tikkonferma li Justin Cassar kien preżenti meta ġew mgħoddija l-flus lil missierha. Il-post inbiegħ lil xi ħaddieħor u li għaddew l-flus LM2,000 lil Justin Cassar xi erba' xhur qabel.

Fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2013 xehed **Alfred Spagnol** li kkonferma li Justin Cassar kien preżenti meta kienu marru għand in-nutar biex jiffirmaw.

Fis-seduti tat-28 ta' Marzu, 2014 u fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 2014 reġa xehed Justin Cassar u qal li huwa kien ta l-flus lin-nutar Lia bħala parti mill-prezz u li n-nutar qallu li kien ser iżommhom għandu u jagħtihom lil Spagnol jekk jkun hemm kollox sewwa. Meta l-Perit tiegħu qallu li post huwa kkundannat huwa mar għal flus għand in-nutar u dan qallu li l-flus leħaq għaddihom u li issa rrid iffittex lilhom għal flus. Mistoqsi jekk l-elfejn lira maltin kienux parti mill-prezz, huwa jgħid li le, ma kienx infurmat li kienu parti mill-prezz pero jgħid '*Talabhomli biex la hu ma jista' jbiegħ u lanqas ma' dan.'*.

***In-Nutar Carmelo Lia*** għażel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti u qal li kien mar il-post ma' Justin Cassar, l-għarusa, ommu u l-familja Spagnol. Kienu qalulu fuq il-biċċa li riedu jżidu fuq il-bitħa u qalilhom li hemm tieqa ta' terzi pero' riedu jibqgħu għaddejjin bil-konvenju. Marru għandu biex jiffirmaw u qalihom li jridu jħallsu 10% li kienu ekwivalenti għal LM2,000. Dakinhar tal-konvenju ħareġ LM 2,000 mill-but u tahom lili umbgħad staqsa lil Nazzareno Spagnol iridx li jaqsamhomlom imma t-tfal għażlu li nagħtihom lilu. Wara nforma lil Justin Cassar li biex jirreġistra l-konvenju trid tħallas 1% u peress li ma kellux LM200 fuqu mar iġibhom dak il-ħin stess mid-dar għax joqgħod fl-istess triq tal-uffiċċju. Qabel ma telaq għal flus ma talbux biex

jiffirma u meta ġie lura bil-flus nesa' jgħidlu biex jiffirma. Hu jikkonferma li Justin Cassar kien mar għandu biex jagħmel il-konvenju u mhux biex jissosspendih sakemm iġib perit . Il-perit ġabu ħafna wara li kien hemm il-konvenju . Hu jżid li **bl-intenzjoni tajba mexxa l-konvenju** biex hu jinqeda. Meta talbu l-flus lura riedhom hu qallu li għandu l-irċevuta li huwa ħallashom biex jiġi reġistrat il-konvenju. ***'Jiena all the time kont mixi in good faith Sur Maġistrat. Sfortunatament ingala' l-iżball li l-karta ma ffirmahiex.' Fol 150***. Cassar kien ferħan bil-post għax sab bargain u hu qatt ma rrifjuta li jiffirma, **kien tort tiegħu li aljena rasu u nesa**. Huwa mexxa l-proċeduri għax dik hija sempliċiment applikazzjoni biex tirreġistra l-konvenju. Il-firma jgħid li għamilha hu u setgħa għamel ismu minflok. Fl-ebda ħin ma kien wera interess li ma kienx interessat li jkompli. Ikompli jżid li LM200 hadhom ukoll , u l-fatt li dam ma hadhom kien tort tiegħu għax kienu qed jintbgħatu fuq indirizz li huwa ma kienx għadu qed jirrisjedi fih. Pero' sussegwentement mar hu stess l-Inland Revenue Department biex isaqsi l-għala għadu ma wasalx u qalulu li mhux qed isibuh. Sussegwentment Cassar ma jiġbru personalment iċ-ċekk.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Skont ix-xhieda tan-Nutar Carmelo Lia huwa ma nnegax li iffirma bħala Justin Cassar li kien ser ikun ix-xerrej iżda dan ma għamlu b'ebda ħsieb biex iwettaq xi reat imma sempliċiment biex ikunu jistgħu jimxu l-karti għand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Filfatt in-Nutar ma għamel ebda gwadan u jirriżulta mill-atti lli kemm id-depożitu akkont tal-prezz imħolli minn Justin Cassar ingħata lura mill-venditur u kif ukoll ingħatat lura it-taxxa li kienet tħallset bħala parti mit-taxxa finali għaliex il-Kumissarju tat-Taxxi Interni irrifondieha lil Justin Cassar. Għalhekk jonqos l-element tal-*mens rea* li huwa element essenzjali daqs l-*actus reus*. Filfatt huwa prinċipju fundamentali '*actus non facit reus nisi mens sit rea'* (Noti tal-Ewwel Sena Profs. Mamo).

Jidher ċar mix-xhieda li n-Nutar kien qed jaġixxi in *bona fede* u kemm –il darba jammetti li kien hu li nesa jgħidlu biex jiffirma għax aljena rasu wara li l-istess Cassar mar biex iġib il-flus biex jiġi reġistrat l-konvenju. Cassar jsostni li ma kienx jaf li l-ammont tal-elfejn lira maltin kienu akkont tal-prezz pero' fl-istess ħin kien mar jiġri biex iġib il-mitejn lira maltin biex jiġi reġistrat il-konvenju malajr kemm jista' jkun. Ma kellux bżonn imur iġib il-mitejn Lira Maltin biex jiġi reġisrat il-konvenju kieku ħaseb li ma kienx konvenju u li ma kellux intenzjoni li jixtri l-post.

Għaldaqstant din il-Qorti, tilqa' l-appell tal-appellant Carmelo Lia billi tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet Pulizija vs Nutar Carmelo Lia u tilliberah minn kull piena u ħtija.